SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**It-Tmien Leġislatura**
**Laqgħa Numru 01-19**

**3 ta' Lulju 2019**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-5.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI l-KUNSILLIERI:**

Charmaine St John
Frederick Cutajar
Terrence Ellul
Kylie D'Amato
Liam Sciberras

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Frederick Cutajar bħala l-aktar Kunsillier anzjan fetaħ il-laqgħa u stieden lir-Reverendu Kappillan Father Joe Mizzi biex jgħid it-talba. Father Joe Mizzi għamel talba tal-okkażjoni.

**1.1 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Sindku**

Is-Sur Frederick Cutajar, bħala l-aktar Kunsillier anzjan, staqsa lis-Sinjura Charmaine St John, bħala l-Kunsillier elett fl-aħħar elezzjoni lokali għall-lokalita' ta' Santa Luċija, li kisbet l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-Partit Laburista li f'dawn l-elezzjonijiet kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri f'dan il-Kunsill, jekk taċċettax il-kariga ta' Sindku. Is-Sinjura St John qrat l-ittra tal-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku u ffirmata.

**1.2 Aċċettazzjoni tal-Kariga ta' Viċi Sindku**

Is-Sinjura St John bħala Sindku ta' Santa Luċija staqsiet lis-Sur Frederick Cutajar, bħala l-Kunsillier elett fl-aħħar elezzjoni lokali għall-lokalita' ta' Santa Luċija li kiseb, minbarra s-Sindku, l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-Partit Laburista li f'dawn l-elezzjonijiet kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri f'dan il-Kunsill jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sur Cutajar qara l-ittra ta' aċċettazzjoni tal-kariġa ta' Viċi Sindku u ffirmaha.

**1.3 Karigi tal-Kunsilliera**

Is-Sindku għaddiet għall-ewwel item fuq l-Aġenda u ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' responsabbiltajiet għal Kunsilliera. Dawn ir-responsabbiltajiet ġew approvati mill-Kunsill. Kopja ta' din il-lista qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

**1.4 Messaġġ tal-Okkażjoni**

Is-Sindku, is-Sinjura St John, qalet li kif inhi l-użanza f'dan il-Kunsill tistieden lil membri eletti biex jagħmlu diskors qasir għall-okkażjoni. Hija stiednet lil Kunsillier Liam Sciberras biex jagħmel id-diskors tiegħu.

***1.4.1 Messaġġ mill-Kunsillier Liam Sciberras***

Il-Kunsillier Sciberras feraħ lis-Sinjura St John għal din il-kariga ġdida tagħha u qal li r-rwol ta' Sindku qiegħed biex jgħaqqad il-Kunsill u l-Komunita'. Huwa feraħ lil sħabu anki lil dawk il-Kunsilliera li m'għadhomx parti mill-Kunsill u rringrazzja lir-residenti. Huwa awgura li jkun hemm kontinwita u

biex jitkompla fuq it-tajjeb li kien hemm u fejn ma kienx daqshekk tajjeb intejbuh. Huwa qal li l-Kunsill irid imur hu għand in-nies u jisma aktar lin-nies u rrefera għal dik il-faxxa ta' nies sikta li mhux rappreżentati. Huwa awgura li dan il-Kunsill jimxi 'l quddiem.

**1.4.2** ***Messaġġ tal-Kunsilliera Kylie D'Amato***

Il-Kunsilliera D'Amato qalet li din hija esperjenza ġdida għaliha u tħossha onorata li tifforma parti minn dan il-Kunsill. Hija irringrazzjat lir-residenti tal-fiduċja li wrew fiha u qalet li l-Kunsill għandu jiġbed ħabel wieħed flimkien mar-residenti u awgurat l-għaqda għal ġid tar-residenti u l-lokalita' ta' Santa Luċija.

**1.4.3** ***Messaġġ tal-Kunsillier Terrence Ellul***

Il-Kunsillier Ellul feraħ lill-Kunsilliera eletti f'din it-tmien legistlatura tal-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija. Huwa rringrazzja lir-residenti u awgura sinerġija u għaqda fit-tmexxija u l-ħidma ta' dan il-Kunsill għal ġid tal-Lokalita' ta' Santa Luċija.

**1.4.4** ***Messaġġ mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar***

Is-Sur Cutajar qal li din hija t-tmien darba Ii ġie elett f'dan il-Kunsill, sitt darbiet bħala Sindku u darbtejn bħala Viċi Sindku u ta' dan jirringrazzja lir-residenti. Huwa feraħ lis-Sinjura St John tal-ħatra tagħha bħala s-Sindku l-ġdid ta' dan il-Kunsill. Is-Sur Cutajar qal li għalkemm il-lokalita' hija belt żgħira, xorta hawn ħafna xogħol xi jsir. Huwa rrefera għal ħafna żvilupp li qed iseħħ madwar u qal li dan ser jaffettwa il-lokalita' u lir-residenti. Huwa kompla jgħid li din il-lokalita' hija belt sabiħa, belt ġnien u appella lin-nies biex jaħdmu mal-Kunsill biex iżommu din il-lokalita nadifa. Huwa wiehed li ser jaħdem b'responsabbilita' għas-suċċess ta' dan il-Kunsill.

**1.4.5** **Messaġġ mis-Sindku Charmaine St John**

Is-Sinjura St John tat merħba lil kulħadd u rringrazzjat lir-residenti ta' Santa Luċija tal-fiduċja li wrew fiha. Hija ferħet lil sħabha kollha li ġew eletti magħha: Frederick Cutajar, Terrence Ellul, Kylie D'Amato u Liam Sciberras - filwaqt li irrangrazzjat lill-kandidati l-oħrajn li ma telgħux, tal-impenn li wrew biex jgħinu fil-lokalita. Hawnhekk irringrazzjat ukoll lil Joseph Bonello u lil Caroline Galea għax-xogħol siwi li għamlu matul is-snin f'diversi leġislaturi tal-Kunsill.

Hija qalet li dan huwa t-tmien Kunsill ta' Santa Luċija, li bħal Kunsill ta' qabel ġab bidla miegħu. Is-Sinjura St John qalet li għall-ewwel darba f'dan il-Kunsill għandna Sindku mara, flimkien ma' kunsilliera oħra mara-Kylie

D'Amato. Hija qalet li dan ifisser lir-residenti ta' Santa Luċija qed iħaddnu ż-żminijiet li qegħdin fih, u jemmnu fl-ugwaljanza. Ta' dan irringrazzjat lill-kulħadd tal-fiduċja li wrew fihom.

Hija kompliet tgħid li xtaqet tirringrazzja ukoll lis-Sindku preċedenti Terrence Ellul, li flimkien mal-kumplament tal-Kunsilliera ħadmu biex itejbu l-kwalita ta' ħajja fil-lokalita. Is-Sindku stqarret li f'dan il-Kunsill għandna taħlita ta' esperjenza flimkien ma' enerġija żagħżugħa. Hija qalet li dan ser inkunu qed nużawhom kollha biex inkunu nistgħu nkomplu ntejbu l-lokalita.

Hija kompliet tgħid li b'komunikazzjoni u *teamwork,* il-membri tal-Kunsill ser ikunu qed jaħdmu flimkien biex il-Kunsill ikun aktar viċin tan-nies. Qalet ukoll li irridu naħdmu flimkien biex ikollna lokalita' aktar nadifa u li biex nagħmlu dan għandna bżonn ukoll li r-residenti jagħtu sehemhom biex flimkien ikun hawn lokalita' li nkunu kburin biha. Semmiet l-ambjent ta' madwarna li ser ikun priorita kbira kemm għaliha kif ukoll għal dan il-Kunsill.

Is-Sindku kompliet tgħid li ser issir ħidma biex l-attivitajiet ġewwa Santa Luċija jiżdiedu u dawn ser ikunu attivitajiet diversi, kemm għat-tfal, għaż-żagħżagħ kif ukoll għall-anzjani. Hija wriet ix-xewqa tagħha li f'ċertu attivitajiet ningħaqdu ma' diversi għaqdiet oħra biex b'hekk inkunu nistgħu nkabbru s-sens ta' komunita ġewwa Santa Luċija u nkunu aktar viċin ta' kulħadd.

Is-Sinjura St John qalet li f'dawn is-snin li ġejjin hemm diversi proġetti pjanati biex insebbħu kif ukoll itejbu il-lokalita' ta' Santa Luċija u fost dawn il-proġetti pjanati hemm *promenade* ġdida, ċentru kommunali għar-residenti, kif ukoll titjib taz-zuntier tal-knisja. Hija qalet li hi flimkien ma' sħabha fil-Kunsill ser ikunu qed jagħmlu l-almu tagħhom biex dawn il-pjanijiet isiru realta.

Hawnhekk hija irringrazzjat ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv Caroline Silvio flimkien ma' Louise Gatt, Marilyn Ellul u Angele` Marie Brincat tax-xogħol kollu siewi li jagħmlu. Lejn tmiem id-diskors tagħha hija qalet li ma tistax ma nsemmiex lill-familja tagħha, speċjalment lir-raġel, it-tfal, kif ukoll lin-nies kollha li għenuha dawn l-aħħar xhur.

Hija għalqet id-diskors tagħha billi reġgħet irringrazzjat lir-residenti ta' Santa Luċija tal-fiduċja li wrew fiha u wegħdet li ser tagħmel l-almu tagħha

biex din il-fiduċja li wrew fiha issarafha f'ħidma biex intejbu l-lokalita.

**1.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.30p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 11 ta' Lulju 2019 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum il-Ħamis, 11 ta' Lulju 2019

| | |
|---|---|
| Charmaine St John | Caroline Silvio |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |